FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

5 ta' April 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hamsa u Hamsin (55) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hamsa u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 3 ta' Marzu 2011 fis-5.45pm.**

Il-Hamsa u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Jum Floriana
6. Fanali Ornamentali fil-Qasam tad-Djar
7. Isle of MTV 2011
8. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011
9. Assemblea Generali Furjaniza
10. Għazla tal-Offerti :
    KLF/Q/01/11 – Servizz Professjonali minn Inginier tal-elettriku biex jidentifika l-problemi fis-sistema tad-dawl ta' Gnien Vilhena
    KLF/Q/01/11 – Provvista ta' trofew originali ghall-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
    KLF/Q/01/11 – Provvista ta' Aperturi tal-Injam
11. Cirkli tal-annimali fil-Floriana
12. Rakkomandazzjoni għal promozzjoni għal Skala 13 lill-iskrivana Emmanie Theuma
13. Asfaltar tat-toroq
14. Bankini ta' Triq il-Miratur
15. Ħwejjeg Oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghall-hamsa u hamsin (55) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma. Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja nru 2.

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici Sindku Franco Davies.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tlieta u hamsin (53) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 9.1 li ghandha taqra "Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Vincent Borg jispjega l-progress li kien hemm fuq din il-materja."

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 9.2 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li l-Kunsill inghata skizz ta' ferrovija mill-perit tal-Kunsill biex il-Kunsill japprova halli ssir l-applikazzjoni lill-MEPA."

1.4 Il-minuti msemmija f'1.1 bil-korrezzjonijiet msemmija f'1.2 u 1.3, gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 17:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

1.5 Il-minuti tal-erbgha u hamsin (54) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq il-korrezzjoni fl-ewwel pagna tal-minuti fejn Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana ghandha taqra "L-erbgħa u ħamsin laqgħa tal-Ħames Kunsill Lokali Floriana".

1.7 Il-minuti msemmija f'1.5 bil-korrezzjoni msemmija f'1.6, gew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand The Geminarie Group fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jaghmlu uzu mic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V sabiex tittella' attivita' li tkun miftuha ghall-pubbliku. Il-Kunsill qabel fil-principju li jaghti l-permess u qabel ukoll li ghandu jiltaqa' maghhom sabiex jigu kkjarifikati d-dettalji.

**Nota: 18:00 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kumpanija Mission Fund li talbu lill-Kunsill jghin lill-missjunarji waqt maratona televiziva li ser ikun hemm f'Marzu. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba r-restrizzjonijiet fil-ligi fejn jidhlu donazzjonijiet.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kuntrattur Joe Vella li oggezzjona ghat-tnaqqis fil-pagament li l-kumpanija li jirraprezenta hadet ghall-organizzazzjoni tal-attivita' Celebrazzjoni ta' lejliet l-ewwel tas-sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb lill-kuntrattur u jinformah li hafna mill-affarijiet li semma' fil-korrispondenza tieghu kienu gew issuggeruti mill-kuntrattur stess u mhux mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill approva li ghandu jhallas lill-kuntrattur l-ispiza tal-bziezaq biss minhabba li din kienet l-unika spiza li kienet giet mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba tieghu li jiltaqa' mal-kuntrattur.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand NNG Promotions fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jittellghu zewg kuncerti fi Pjazza San Publju matul ix-xhur li gejjin. Il-Kunsill

qabel fil-principju li jaghti l-permess ghal dawn l-attivitajiet, izda l-Kunsill ghandu jiltlob laqgha maghhom. Il-Kunsill irid jaghmilha cara li kull eventwali permess ghandu jkun suggett li tigi applikata l-bye-law li tista' tidhol fis-sehh sakemm isiru l-attivitajiet in kwistjoni.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand AGL Design fejn offrew lill-Kunsill opportunita' biex jipproponi spazji pubblici fil-lokalita' tieghu ghal programm televiziv li qed itellghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattjahom biex jigi kkjarifikat f'hiex jikkonsisti dan il-programm.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand The General Soft Drinks Co. Ltd. fejn informaw lill-Kunsill bil-kampanja li qed iniedu billi jinghata servizz mill-impjegati tal-Kunsill u ta' dan jinghata kumpens. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jiehu sehem f'din il-kampanja minhabba li l-amministrazzjoni hija mghobbija bizzejjed b'xoghol u l-kumpens offrut ma jiggustifikax t-talba.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand GreenPak fejn informaw lill-Kunsill li ma kienx possibli li jkun hemm gabra ta' iskart ohra ghall-iskart isseparat u dan minhabba li l-lokalita' tal-Floriana ma kenitx qed tilhaq il-kwota medja ta' skart separat li suppost jingabar.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza legali miktuba f'isem is-Sur Joseph Gauci rigward kaz fejn dan wegga fuq bankina waqt xoghljiet li kienu qed isiru minn terzi persuni. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-avukat tal-Kunsill iwiegeb din l-ittra b mod ufficjali u jsemmi li dan ix-xoghol ma kienx ikkummissjonat mill-Kunsill.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjura D'Agostino fejn offriet lill-Kunsill il-bejgh tan-nicca li hemm fi Triq is-Suq kantuniera ma' Triq San Frangisk, inkluza l-istatwa tas-Salvatur, ghall-prezz ta' €6000. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba minhabba li hass li l-prezz mitlub huwa eccessiv u qabel li ghandu jaghmel kontro-offerta ta' €1000.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana FC fejn hargu bis-suggeriment li ssir produzzjoni kongunta ta' CD u DVD dwar l-istorja tal-Floriana FC. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqghha maghhom.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kaz li kien hemm dan l-ahhar fejn resident hareg ammont kbir ta' skart fit-triq u saqsa lill-Kunsillier Edward Torpiano jekk kienx jaf b'dan il-kaz partikolari. Il-Kunsillier Torpiano wiegeb li ma kienx jaf li nhargu iktar minn zewg oggetti barra minhabba li meta dan ir-resident partikolari kien cempel lill-Kunsill, hu kien informah bil-limitu ta' oggetti li jistghu jinhargu kull gabra. Huwa kompla jghid li sar jaf li nhargu iktar mil-limitu t'oggetti stipulat wara li mar fuq il-post mal-kuntrattur fejn imbaghad kien talab lill-istess kuntrattur jigborhom. Is-Sindku Nigel Holland sostna li f'kaz li l-kuntrattur thallas ghal aktar minn kollezzjoni wahda, ghandhom jigu rifonduti l-hlas tal-kollezzjonijiet l-ohrajn li ma kienux awtoritazzati.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibda' jiehu azzjoni legali dwar kull min johrog iktar mill-ammont stipulat ta' oggetti li jittiehdu f'kull gabra. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda' jibghat gwardjani lokali biex tittiehed azzjoni kontra ir-residenti li jabbuzaw.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland propona wkoll li l-Kunsill jiehu d-decizjoni li minn dakinhar stess jinforma lill-kuntrattur biex ma jingabrux iktar minn zewg oggetti u jitolbu jinforma lill-Kunsill f'kaz li xi resident johrog iktar oggetti mill-ammont stipulat sabiex tkun tista' tittiehed azzjoni legali kontra min jikser il-ligi. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk kienx lest il-messagg li l-Kunsill kellu jibghat lill-Greenpak sabiex ikunu jistghu jibdew jitqassmu l-boroz il-grizi tar-riciklagg. Is-Sindku wiegeb li kien ghadu ma sabx cans biex jibda' jahdem fuq dan il-messagg izda kien ser jipprova jaghmel dan mill-

aktar fis.

**Nota: 19:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **50-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9384 sa 9411.

4.3 Il-Kunsill qabel li m'ghandux japprova l-pagament indikat bhala cekk nru 9411 pagabbli lil DJS Trading Ltd. qabel ma tkun saret laqgha maghhom.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9358 sa 9411, bir-rizultat:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 19:35 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5. Jum Floriana

5.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-preparamenti ghal Jum il-Floriana kienu mixjin sew. Huwa kompla jghid li kien gie avvicinat mit-tifla tas-Sur Lolly Borg, wiehed mill-persuni li ser jigu onorati din is-sena, fejn saqsiet jekk ir-ritratt tas-Sur Borg riedx bilfors ikun dak mehud matul l-ghotja tal-premju "Sportiv tas-sena". Il-Kunsill qabel li ghalkemm dan ir-ritratt kien ikun idejali, kwalunkwe ritratt huwa tajjeb.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara ricerka li kien ghamel, kien irrizulta li s-Sur Benny Camilleri, wiehed mill-persuni li l-Kunsill iddecieda li jonora, ma kienx mill-Floriana u ghalhekk propona li ghandha tinstab persuna ohra li tkun mil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jonora lis-Sur Herbert Ganado.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn individwu li kien interessat jorganizza kor waqt l-inawgurazzjoni tas-sala ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill fl-okkazjoni ta' Jum Floriana.

## 6. Fanali Ornamentali fil-Qasam tad-Djar

6.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li r-residenti tal-Qasam tad-Djar kienu avvicinawha u saqsewha dwar il-fanali ornamentali li kellhom jitwahhlu f'dan il-qasam. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jordna dawn il-fanali malajr sabiex ikunu jistghu jitwahhlu mill-aktar fis.

## 7. Isle of MTV 2011

7.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li kellu l-Kunsill fil-gimghat li ghaddew mal-organizzaturi tal-kuncert Isle of MTV fejn informa lill-Kunsill b'dak li kien gie diskuss.

7.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq u mill-ordni pubbliku ghandhom jiehdu hsieb joholqu site plan fejn jindikaw it-tpoggija ta' mobile toilets u l-gheluq tat-toroq matul din l-attivita', u wara jipproponuha lill-organizzaturi ta' dan il-kuncert sabiex jigu solvuti hafna mill-problemi li jinholqu sena wara sena.

7.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob laqgha mal-entitajiet interessati, fosthom l-Arcipriet tal-Floriana W.R. Dun Richard Borg biex jigu diskussi proposti u soluzzjonijiet ghall-problemi tas-snin imghoddija.

## 8. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011

8.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li n-numru ta' partecipanti ghal din l-edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizat kien baqa' dak ta' hamsa.

8.2 Is-Sindku ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jitlob lir-rebbieha tal-edizzjonijiet precedenti jaghmlu tapit u xi xoghol tan-nar ghall-edizzjoni ta' din is-sena. Huwa nforma li l-Kunsill kien ikkumissjona lill-Kamra tan-nar ta' Santa Marija ghat-tapit u lill-Malta Fireworks ghan-nar tal-ajru. Huwa zied jghid li ghalkemm dawn iz-zewgt ikmamar ma kienux gew imtella' bil-polza kif kien gie diskuss, id-decizjoni kienet ittiehdet xorta wahda bejn il-kmamar tan-nar rebbieha.

8.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li Hamilton Travels kienu offrew li jhallsu l-prezz tat-titjira ta' wiehed mill-gurija tal-Festival.

8.4 Huwa zied jinforma wkoll li l-website tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kienet giet updated minhabba li kien hemm xi dettalji li ma kienux korretti.

8.5 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog sejha ghall-offerti ghall-esklussivita' ta' bejgh ta' ikel u xorb matul l-attivita' tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat mill-aktar fis possibli minhabba li ma kienx ghad fadal wisq zmien.

## 9. Assemblea Generali Furjaniza

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kollox kien miexi kif pjanat fl-organizzazzjoni tal-Assemblea Generali Furjaniza.

## 10. Għazla tal-Offerti :

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah il-kaxxa tal-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-membri Vincent Borg, Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.

### 10.1 KLF/Q/01/11 – Servizz Professjonali minn Inginier tal-elettriku biex

**jidentifika l-problemi fis-sistema tad-dawl ta' Gnien Vilhena**

**Nota: 20:10 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

10.1.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' ta' l-Iinginier Rapa fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.2 KLF/Q/01/11 – Provvista ta' trofew originali ghall-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

10.2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' ta' Alka Ceramics Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta', bil-kundizzjoni li l-kuntrattur jaccetta li jaghmel modifikazzjonijiet fid-disinn tat-trofew ghas-sodisfazzjoni tal-Kunsill u li tali disinn ikun *copyrighted* u ma jergax jintuza hlief fuq talba tal-Kunsill, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 20:15 Il-Vici-Sindku Franco Davies rega' attenda ghal-laqgha.**
**Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 10.3 KLF/Q/01/11 – Provvista ta' Aperturi tal-Injam

10.3.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg biex tintaghzel l-offerta' ta' Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

## 11. Cirkli tal-annimali fil-Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li kien hemm fil-granet li ghaddew mal-Animal Rights Coalition fejn kienu nformaw lill-Kunsill bid-decizjoni li kienu hadu certi pajjizi fl-Unjoni Ewropea li ma jippermettux li jigu organizzati cirkli bl-annimali. Il-Kunsill qabel li ghandha tittiehed decizjoni finali rigward din il-materja fil-laqgha li jmiss.

## 12. Rakkomandazzjoni għal promozzjoni għal Skala 13 lill-iskrivana Emmanie Theuma

12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ir-rakkomandazzjoni tieghu ghal promozzjoni ghal Skala

13 lill-iskrivana Emmanie Theuma dan minhabba li ghandha l-kwalifiki necessarji u minhabba li l-hidma taghha dejjem kienet wahda tajba hafna u ghalhekk jisthoqqilha din il-promozzjoni.

12.2 Wara li tressqet mozzjoni favur ir-rakkomandazzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur ir-rakkomandazzjoni peress li mhux ser taffetwa is-seniority staff u peress li l-iskrivana Emmanie Theuma ghandha l-kwalifiki necessarji, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (ET, VB, NH)
Kontra: 1 (SSH)
Astensjonijiet: 0

12.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet kontro-mozzjoni minhabba li minkejja li qed jinghad li l-iskrivana Fiona Said tibqa' senior, thoss li dan mhux ser ikun il-kaz, izda ma kienx hemm sekondant.

12.4 Ghaldaqstant l-iskrivana Emmanie Theuma ghandha tigi promossa ghal skala 13 b'effett mill-1 ta' April 2011.

## 13. Asfaltar tat-toroq

13.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li ser issir verifika rigward il-kantina li hemm hdejn it-toqba li thalliet fi Triq is-Suq.

13.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa wkoll li ser ikun hemm bzonn li jintalab permess biex issir Triq l-Imhazen.

13.3 Il-Kunsillier Vincent Borg kompla jghid li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna risposta minghand il-Water Services Corporation biex ikun jista' jibda' x-xoghol f'Lascaris Wharf.

## 14. Bankini ta' Triq il-Miratur

14.1 Il-Kunsill qabel li ghandu japplika biex isir ir-restawr ta' Triq il-Miratur.

**Nota: Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Kunsillier Vincent Borg ippresieda l-laqgha.**

## 15. Ħwejjeg Oħra

15.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien talab stima lill-kuntrattur Karl De Flavia ghal xoghol ta' gradilja faccata tac-Centru tas-Sahha fi Pjazza Robert Samut, total ta' €50.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li wara li kien avvicina lis-Sur Stephen Tonna dwar il-covers tat-toqob tal-antarjoli, dan kien informah li ma kellhomx covers u ghalhekk kien ser ikollu jixtrihom il-Kunsill.

15.3 Il-Kunsillier Vincent Borg propona li l-Kunsill jinforma lill-gwardjani lokali biex dawn jergghu jiccekkjaw il-vetturi wara li jkunu ghaddew saghtejn u nofs u ma jithallix iktar zmien jghaddi dan minhabba li jista' jaghti l-kaz li l-vettura tkun harget mill-Floriana u rritornat wara siegha skond il-ligi.

15.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm bzonn li jitnehha l-haxix hazin tal-Polverista.

15.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm bzonn li jitnehha l-haxix hazin mill-foss ta' Notre Dame.

15.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-Young Stars Hockey Club kienu talbu li jsir fanal gdid fit-triq. Il-Kunsill approva.

15.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ittella' coffee morning fix-xahar ta' Marzu. Il-Kunsill approva.

15.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li x-xoghol li kien sar fuq it-trinka ta' Triq is-Suq ma kienx sar sew. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel kuntatt mad-direttorat tat-toroq fi hdan Transport Malta.

## 16. Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 7 t'April fil-5.30pm

Il-laqgha ntemmet fid-20.55.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |